KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.11.2004
KUMM(2004) 751 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 866/2004 dwar reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 għall-Att ta' l-Adeżjoni fir-rigward ta' agrikoltura u għoti ta' flus għal spejjeż ta' vjaġġar

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Bir-Regolament Nru 866/2004, il-Kunsill stabbilixxa reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003 li jipprovdi regoli speċjali f' dak li għandu x' jaqsam ma' oġġetti, servizzi u persuni li jaqsmu l-linja bejn dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv u dawk iż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv.

B' kunsiderazzjoni ta' l-esperjenza akkwistata minn meta dan ir-Regolament ġie fis-seħħ numru ta' regoli għandhom ikunu llaxkati u l-kummerċ f' ċerti oġġetti għandu jkun iffaċilitat. L-emenda proposta tipprovdi għal proċedura li tippermetti lil ċerti oġġetti, li huma soġġetti għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni jew għall-miżuri ta' intervent u għalhekk esklużi minn reġim speċjali mwaqqaf fir-Regolament Linja, sabiex jirċievu trattament privileġġjat wara deċiżjoni mill-kumitat rilevanti ta' tmexxija taħt politika ta' l-agrikoltura komuni. It-tieni nett, l-emenda proposta tipprovdi għal proċedura speċifika li tippermetti l-moviment ta' annimali ħajjin u ta' prodotti ta' l-annimali min-naħa għall-oħra tal-linja ħadra. Fit-tielet lok, l-emenda proposta żżid il-valur u l-livelli kwantitattivi ta' għoti ta' flus għal spejjeż ta' vjaġġar.

L-emendi proposti se jiffaċilitaw iktar lin-negozju min-naħa għall-oħra tal-linja ħadra u se jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-gżira.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 866/2004 dwar reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 għall-Att ta' l-Adeżjoni fir-rigward ta' agrikoltura u għoti ta' flus għal spejjeż ta' vjaġġar

IL KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 10 dwar Ċipru għall-Att li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' l-Islovenja u r-Repubblika Slovakka u r-rettifiki għal dawn it-Trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea[1], u b' mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 3 dwar iż-Żoni ta' Bażi ta' Sovranità tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ġewwa Ċipru[2] ta' l-imsemmi Att ta' Adeżjoni, u b' mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[3],

Billi:

(1) 1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004[4] jfassal regoli speċjali li għandhom x' jaqsmu ma' oġġetti, servizzi u persuni li jaqsmu l-linja bejn iż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv u f' dawk iż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv.

(2) 2. B' kunsiderazzjoni ta' l-esperjenza akkwistata minn meta dak ir-Regolament ġie fis-seħħ numru ta' regoli li għandhom x' jaqsmu ma' l-vjaġġaturi għandhom ikunu llaxkati u l-kummerċ f' ċerti oġġetti agrikoli għandu jkun iffaċilitat.

(3) 3. Ir-Reġolament (KE) Nru 866/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

1 ĠU L 236, tat-23.9.2003, p. 955.
2 ĠU L 236, tat-23.9.2003, p. 940.
3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU L 206, tad-9.6.2004, p. 51.

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 866/2004 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 hu emendat kif ġej:

(a) il-Paragrafu 2) jiġi mibdul b' dan li ġej:

'2. Dawn l-oġġetti mhumiex se jkunu soġġetti għal dikjarazzjoni tad-dwana. Mhumiex se jkunu soġġetti għad-dwana jew għal spejjeż li għandhom effett ekwivalenti, sakemm mhumiex eleġibbli għal rifużjoni fuq l-esportazzjoni jew għal miżuri ta' intervent.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura tal-kumitat tal-ġestjoni rilevanti li hija stabbilita taħt il-politika agrikola komuni, tiddetermina kundizzjonijiet u arranġamenti preferenzjali għal aċċess ta' prodotti li huma eliġibbli għal rifużjonijiet fuq l-esportazzoni jew miżuri ta' intervent.

Sabiex ikunu żgurati l-kontrolli effettivi, il-kwantitajiet li jaqsmu l-linja se jkunu rreġistrati.'

(b) il-Paragrafu 9) jiġi mibdul b' dan li ġej:

'9.
Il-moviment min-naħa għall-oħra tal-linja ta' annimali ħajjin u ta' prodotti ta' l-annimali li huma soġġetti għall-kundizzjonijiet veterinarji mitluba mill-Komunità se jkunu pprojbiti.
Il-projbizzjoni tista' titneħħa minn deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistipolaw il-kundizzjonijiet li huma applikabbli għan-negozju adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(20 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

*ĠU L 31, tal-1.2.2002, p. 1 '

(2) L-Artikolu 6 hu mibdul b' dan li ġej:

'Artikolu 6

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 69/169/KEE* mhijiex se tapplika, iżda oġġetti miżmuma fil-bagalji personali ta' persuni li qegħdin jaqsmu l-linja se jkunu eżentati mit-taxxa fuq il-fatturat u mis-sisa sakemm ma għandhom ebda karattru kummerċjali u sakemm il-valur totali tagħhom ma jiskorrix 175 Euro għal kull persuna.

2. Dawn il-limiti kwantitattivi għall-eżenzjonijiet mit-taxxa -fuq il-fatturat u s-sisa se jkunu 200 sigarett u litru wieħed ta' spirti.

3. Eżenzjonijiet għall-oġġetti msemmija fil-paragrafu 2 mhumiex se jingħataw lill-persuni li jaqsmu l-linja li għandhom taħt is-17-il sena.

4. Fi ħdan il-limit kwantitattivi stipolati fil-paragrafu 2 u filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet f' paragrafu 3, il-valur ta' oġġetti mniżżla f' lista fil-paragrafu 2 mhuwiex se jkun ikkunsidrat waqt li tkun iddeterminata l-eżenzjoni msemmija f' paragrafu 1.

*ĠU L 133, ta' l-4.6.1969, p. 6 '

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara lpubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

F' isem il-Kunsill
Il-President